# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL SENA** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: Siegħa u Nofs**

Isem: ____________________________________________ Klassi: _________________

**Taqsima A**

**Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| soċjetà | rwoli | Istudji Soċjali | valuri | rispett |
| soċjalizzazzjoni | dmirijiet | drittijiet | interazzjoni soċjali | responsabbiltajiet |

1. Biex ikollna _____________________ b'saħħitha, kull ċittadin irid jaqdi d-_____________________ tiegħu.

2. L- _____________________ huma xjenza li tgħallimna dwar is-soċjetà.

3. Kull ċittadin għandu r-_____________________ differenti tiegħu fis-soċjetà.

4. Il-_____________________ bħar-_____________________ lejn l-oħrajn, li taċċetta l-opinjoni ta' ħaddieħor u s-solidarjetà huma importanti biex fis-soċjetà ma jkunx hawn ġlied.

5. Meta ċ-ċittadini jaħdmu flimkien għall-ġid tal-komunità tkun qed isseħħ _____________________.

6. Fis-soċjetà ċ-ċittadini għandhom id-_____________________ tagħhom bħal-libertà tal-kelma, id-dritt tal-vot u oħrajn.

7. Fis-soċjetà tkun qed isseħħ is-_____________________ għaliex l-individwu qiegħed kontinwament jitgħallem il-proċess ta' l-imġiba soċjali.

8. Kull ċittadin irid iwettaq ir-_____________________ tiegħu mingħajr ma jkun egoist.

**(10 marki)**

**Taqsima B**

**Qabbel il-lista A mal-lista B billi tikteb numru fil-kolonna tan-nofs.**

| A | | B |
|---|---|---|
| 1. Talenti | | Persuna li tikkomunika ma' l-oħrajn |
| 2. Komunità Lokali | | Kapaċi tpinġi, tkanta, tirreċta |
| 3. Soċjetà | | Malta |
| 4. Limitazzjonijiet | | Il-post fejn tgħix |
| 5. Rwol | | Posti fis-soċjetà |
| 6. Nazzjon | | Grupp ta' nies li jgħixu fl-istess pajjiż u jaħdmu għall-istess għanijiet |
| 7. Persuna soċjali | | Sa fejn jien kapaċi nasal |
| 8. Dmirijiet | | ħbieb, skola, għaqda. |
| 9. Drittijiet | | Dak li individwu jieħu mis-soċjetà |
| 10. Gruppi soċjali | | Dak li individwu jagħti lis-soċjetà |

**(10 marki)**

**Taqsima Ċ**

**Aqra din is-silta u wieġeb fl-ispazju provdut.**

Aħna ngħixu u naħdmu fis-soċjetà, iżda għandna kwalitajiet li jagħmluna differenti mill-oħrajn. Kull individwu għandu talenti differenti. Min jaf jagħmel ħaġa u min oħra. B'hekk is-soċjetà tista' timxi 'l quddiem għax fiha hemm nies li jafu jagħmlu kollox. Dan, iżda ma jsirx minn bniedem wieħed biss, iżda minn ħafna nies b'talenti differenti. Għalhekk aħna għandna bżonn xulxin.

1. Għaliex huwa importanti li n-nies ikunu differenti minn xulxin? Agħti **żewġ** raġunijiet.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

2 marki

2. Semmi **erba'** kwalitajiet li jagħmluna differenti mill-oħrajn.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

4 marki

3. Spjega fi kliemek u agħti eżempji ta' x'inhu talent.

2 marki

4. Kif jista' individwu jagħmel użu tajjeb mit-talenti għall-ġid tiegħu u ta' ħaddieħor?

4 marki

5. Li kieku ssib ruħek flimkien ma' tliet persuni oħra li ġejjin minn pajjiżi differenti fuq gżira, spjega kif taslu biex tiftiehmu flimkien għall-ġid ta' kulħadd.

4 marki

6. Xi tfisser meta ngħidu li għandna naċċettaw il-limitazzjonijiet tagħna?

3 marki

7. Biex tgħix ma' nies oħra fis-soċjetà trid tibni relazzjonijiet tajbin magħhom. Kif nistgħu nibnu dawn ir-relazzjonijiet?

4 marki

8. Semmi **żewġ** vantaġġi ta' meta nibnu relazzjonijiet tajbin fi grupp.

2 marki

**Total 25 marka**

**Taqsima D**

**Wieġeb fl-ispazju pprovdut.**

1. Għaliex il-familja hija l-aktar grupp soċjali importanti għas-soċjetà?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

3 marki

2. Semmi **tliet** funzjonijiet tal-familja.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

3 marki

3. Semmi **tliet** tibdiliet li għaddiet minnhom il-familja.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

3 marki

4. Għaliex ngħidu li l-familja saret waħda dinamika?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

3 marki

5. Ilum l-anzjani għandhom rwoli importanti fil-familja. X'taħseb li huma dawn ir-rwoli?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

3 marki

**Total 15-il marka**

**<u>Taqsima E</u>**

**<u>Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:</u>**

1. X'tifhem b'edukazzjoni formali?

_______________________________________________

_______________________________________________

2 marki

2. Fejn nistgħu nieħdu din l-edukazzjoni formali?

_______________________________________________

marka

3. Illum fil-qasam edukattiv għandna l-kulleġġi. X'inhuma dawn il-kulleġġi?

_______________________________________________

_______________________________________________

marka

4. L-edukazzjoni tista' ssir ukoll b'mod informali. Kif jista' jseħħ dan? Agħti **tliet** eżempji.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

3 marki

5. Agħti **tliet** raġunijiet għaliex l-edukazzjoni hija importanti.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

3 marki

**Total 10 marki**

**Taqsima F**

**Aqra dawn is-sitwazzjonijiet u agħti l-opinjoni tiegħek.**

1. Ġejt mistieden/na biex tidħol fis-sezzjoni taż-żgħażagħ tal-kunsill lokali ta' fejn toqgħod. Kif tista' tagħti sehmek għall-ġid tal-komunità?

5 marki

2. Fil-lokal tiegħek hemm bosta nies li ma jagħtux kas l-ambjent. X'inhu r-rwol tiegħek f'dan il-każ?

5 marki

**Total 10 marki**

**Taqsima Ġ**

**Agħżel wieħed minn dawn u ikteb madwar 150 kelma fuq is-suġġett magħżul.**

1. Illum ngħidu li d-dinja saret villaġġ globali. Kif qed taffettwak bħala ċittadin/a li minbarra li int ċittadin/a ta' Malta int ukoll parti minn dan il-villaġġ globali?

**2.** X'jista' jsir biex nitgħallmu napprezzaw il-kultura Maltija?

**3.** Il-*peer group* jista' jkollu effetti negattivi u pożittivi. Iddiskuti.

**Total 20 marka**